MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1336/2004

**Mobisle Communications Limited**
**vs**
**Sammut Michael**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm230.35), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 9958 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2003 u Ottubru, 2003;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-29 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-**

**konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm230.35) bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu, 2005, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------